16 ta' Diċembru, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Mary Drago *versus* Giuseppa Bonavia

**Att ta' Kummerċ — Kummerċjant — Kompetenza — Prova — Obligazzjoni — Mara — Kunsens tar-Raġel — Nullità — Art. 7 u 17 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u Art. 37 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kull att ta' kummerċjant jitqies li hu kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li dak l-att ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ;*

*u għalhekk, l-attijiet in ġenerali kompjuti mill-kummerċjant, li ma jkunux ġà atti obbjettivi tal-kummerċ, għandhom per sè l-preżunzjoni tal-kummerċjalità mingħajr distinzjoni, jekk dawk l-atti jirriferixxu lir-ram partikulari tal-kummerċ ta' min ikun għamilhom jew tal-kummerċ in ġenerali.*

*Din il-preżunzjoni ma tillimitax ruħha għall-każ meta kummerċjant jagħmel operazzjoni ma' kummerċjant ieħor, imma tapplika wkoll għall-attijiet magħmulin minn kummerċjant minn naħa waħda u minn wieħed li mhux kummerċjant min-naħa l-oħra.*

*Din il-preżunzjoni tista' tiġi eskluża, għax mhix "juris et de jure"; imma l-prova li teskludi din il-preżunzjoni ma tistax issir ħlief b'ċerti determinati mezzi speċifikament ammessi mill-liġi; u skond il-liġi tagħna, l-uniku mezz li bih tista' ssir din il-prova hu l-att stess, jiġifieri jrid ikun jirriżulta mil-att stess illi dan l-att huwa estraneu għall-kummerċ. Diversament dik il-preżunzjoni ma tistax tiġi distrutta.*

*Meta mbagħad in-negozju ġuridiku jkun jirriżulta minn dokument miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess dokument.*

*Jekk dik il-preżunzjoni ma tiġix distrutta bil-mezzi hawn imsemmija, l-att tal-kummerċjant jibqa' kummerċjali, u kull azzjoni li titnissel minnu tidħol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

*Jekk l-att huwa kompjut minn mara kummerċjanta, u ma jiġix pruvat li dak l-att mhux kummerċjali, ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-istess att fuq il-motiv li ma għamlitux bil-kunsens jew id-dehra ta' żewġha, għax l-operazzjonijiet ta' mara li teżerċita l-kummerċ ma jaqgħu taħt ebda formalità jew kondizzjoni meħtieġa mill-liġi ċivili minħabba s-sess tagħha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi talbet illi l-konvenuta tiġi kundannata tħallas lilha s-somma ta' £200, bilanċ ta' £400 mislufin minnha lill-konvenuta, u minn dina kostitwiti f'debitu skond skrittura tad-19 ta' Novembru 1949, flimkien ma' l-interessi tas-6% fuq l-istess bilanċ ta' £200 middata ta' l-imsemmija skrittura (dok. A). Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment ta' safar tal-persuna tal-21 ta' Ġunju 1952;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li allegat illi l-mutwu in kwistjoni ma sarx għall-kummerċ tagħha, imma biex isiefru binha u ġuvni ieħor, Francis Chircop, għall-Aws-

tralja bħala emigranti; u infatti l-flus ġew versati direttament lilhom; u għalhekk din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; u fil-meritu, li l-obligazzjoni tagħha hija nulla;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni dwar l-inkompetenza tal-Qorti "ratione materiae";

Illi, kif jirriżulta mid-dokument miġjub ma' l-att taċ-ċitazzjoni (fol. 5), il-konvenuta, publika merkantessa, in forza ta' skrittura privata in data 19 ta' Novembru 1949, iddikjarat ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi, versu u favur l-attriċi, oħtha, fis-somma ta' £400, li obligat ruħha li tirrestitwixxi lill-istess attriċi fi żmien sitt xhur, bl-imgħax tas-sitta fil-mija fis-sena;

Illi skond il-liġi tagħna, "kull att ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ" (art. 7 Kodiċi tal-Kummerċ);

Illi dana huwa l-att ta' kummerċ soġġettiv, li jippresupponi l-kwalità ta' kummerċjant f'min jagħmlu; il-għaliex unikament minn din il-kwalità ta' l-awtur tiegħu tidderiva l-preżunzjoni ta' kummerċjalità li tinvestieh, u dana l-att ma għandux loġikament ikun ġà att ta' kummerċ, billi f'dak il-każ kien ikun kummerċjali minħabba l-volontà assoluta tal-leġislatur. Mela l-attijiet in ġenerali kompjuti mill-kummerċjant, li ma jkunux ġà atti oġġettivi ta' kummerċ, għandhom per sè l-preżunzjoni tal-kummerċjalità mingħajr distinzjoni, jekk dawk l-atti jirriferixxu lir-rami partikulari tal-kummerċ ta' min ikun għamilhom jew lill-kummerċ in ġenerali;

Illi l-imsemmija preżunzjoni ma tillimitax ruħha għall-każ meta kummerċjant jagħmel operazzjoni ma' kummerċjant ieħor, imma tapplika wkoll għall-attijiet magħmulin minn kummerċjant minn naħa waħda, u minn wieħed li mhux kummerċjant min-naħa l-oħra. Il-liġi, infatti, tgħid "kull att ta' kummerċjant", u ma jimpurtahiex mill-kwalità personali tal-kontroparti;

Illi, però, l-imsemmija preżunzjoni tista' tiġi eskluża. Il-liġi tammetti l-prova kuntrarja; u għalhekk din il-preżunzjoni ma hix "juris et de jure", kif hija l-preżunzjoni ta' kummer-

ċjalità ta' l-atti obbjettivi. Però l-liġi tirrestrinġi l-prova kuntrarja f'ċerti limiti, u għalhekk ma jistax jingħad illi din il-preżunzjoni hija assolutament sempliċi, jew "juris tantum". Fid-dottrina nsibuha klassifikata fost dawk il-preżunzjonijiet imsejħin "misti"; għaliex il-prova kuntrarja ma tistax issir ħlief b'ċerti determinati mezzi speċifikatament ammessi mill-liġi; u skond il-liġi tagħna, l-uniku mezz li bih tista' ssir il-prova kuntrarja hu l-att stess; irid ikun jirriżulta mill-att stess illi dak l-att huwa estraneu għall-kummerċ, biex tiġi eliminata l-preżunzjoni tal-kummerċjalità tiegħu; diversament il-preżunzjoni ma tistax tiġi distrutta;

Illi l-kelma "att" adoperata mill-liġi ma tfisserx biss il-kirografu jew il-kuntratt li minnu tirriżulta l-obligazzjoni, imma tikkomprendi l-obligazzjonijiet kollha tal-kummerċjant derivanti minn fonti diversa, u kwindi anki l-obligazzjonijiet derivanti minn konvenzjonijiet verbali, min kważi-kuntratti, minn delitti u minn kważi-delitti; f'liema każijiet, billi jonqsu d-dokumenti miktubin li minnhom jista' jiġi deżunt li l-att mhux kummerċjali, il-prova li l-att mhux kummerċjali tista' tiġi deżunta mill-kumpless taċ-ċirkustanzi li jkunu jakkompanjaw l-att, u li l-partijiet kienu jafu jew setgħu jkunu jafu, mingħajr ma jitqiesu ċ-ċirkustanzi ta' wara, li qatt ma jistgħu jbiddlu n-natura oriġinarja ta' l-att;

Illi però, meta n-negozju ġuridiku ikun jirriżulta minn dokument miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess dokument; il-għaliex, fl-aħħarnett, jeħtieġ li wieħed jirrikorri lejn id-dokument stess biex jaċċerta jekk hix jew le eskluża l-preżunzjoni "di diritto" tal-kummerċjalità; u mhux ġa għal prova estranea għall-istess dokument; billi, jekk dan isir, iwassal għall-konsegwenza li l-prova tiġi dedotta minn barra l-att li minnu jemana l-vinkolu ġuridiku;

Illi, difatti, insibu miktub fil-"Lezioni di Diritto Commerciale Maltese" tal-Professur Carlo Mallia, ġa Ordinarju tad-Dritt Kummerċjali fl-Università ta' Malta :— "Orbene, se l'atto esiste in forma scritta, è dallo stesso scritto che si devono ricavare gli indizi per provare la non-commercialità dell'obbligazione contemplata in quell'atto. Ma se l'atto non risulta dallo scritto, allora la non-commercialità si può desumere da tutto il complesso delle circostanze che accompagna-

*vano l'atto stesso, e che le parti sapevano o potevano sapere"* (Parte I, pag. 79);

Illi, fil-każ in ispeċje, l-att jirriżulta mill-miktub; u minn dak l-iskritt ma jistax jiġi rikavat l-ebda indizju li juri li dak l-att ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ; u għalhekk l-istess att għandu jiġi ritenut kummerċjali għall-konvenuta, li hija publika merkantessa; u kwindi kull azzjoni li minnu titnissel tmiss lil din il-Qorti (art. 37 (3) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Għaldaqstant *tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza* ta' din il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni li l-obligazzjoni tal-konvenuta hija nulla;

Illi ġà la darba ġie ritenut illi l-att riżultanti mill-kirografu fuq imsemmi huwa att kummerċjali għall-konvenuta, ma hemmx lok aktar għal din l-eċċezzjoni, bażata fuq in-nuqqas tal-kunsens u debra ta' żewġha fl-att; billi l-operazzjonijiet ta' mara li teżerċita l-kummerċ ma jaqgħu taħt ebda formalità jew kondizzjoni meħtieġa mil-liġi ċivili minħabba s-sess tagħha (art. 17 Kodiċi tal-Kummerċ);

Illi għalhekk tirrespinġi anki dina l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-obligazzjoni tal-konvenuta; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta;

**Ikkunsidrat**;

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont li għadu dovut mill-konvenuta;

Għaldaqstant tilqa' t-talba ta' l-attriċi; bl-ispejjeż.

---

**Tmiem tat-Tielet Parti**

**tal-Volum XXXVI.**

---